# *20 sena mill-mewt ta'*
# L-Onor Mabel Strickland

L-Onor Mabel Strickland OBE, magħrufa aħjar bħala Miss Mabel twieldet f'Villa Bologna, Attard, fit-8 ta' Jannar 1899 u mietet ġo Villa Parisio, Ħal Lija fid-29 ta' Novembru 1988, wara ħajja ta' servizz fil-politika u ġurnaliżmu f'dawn il-gżejjer li hija tant kienet tħobb.

Miss Strickland kienet bint Lord Strickland, G.C.M.G., l-ewwel u l-aħħar Baruni Strickland ta' Sizergh, sitt Konti della Catena u Lady Edeline Suckville. Hija ngħatat l-edukazzjoni tagħha f'Tasmania u privatament fl-Awstralja, matul is-snin meta missierha kien Gvernatur hemmhekk. Il-familja ġiet lura Malta matul l-ewwel Gwerra Dinjija u Miss Strickland bdiet taħdem mal-istaff tal-Commander in Chief, tal-Mediterran, bħala Naval Cypher Officer matul 1917-1918.



**Mabel Strickland twieldet fl-1899 u mietet fl-1988 – 20 sena ilu.**

Fl-1921, hija kienet Assistent Segretarja tal-Partit Kostituzzjonali li kien immexxi minn Lord Strickland. Hija xehdet għan-nom tal-partit quddiem il-Malta Royal Commission fl-1931.

Il-Partit Kostituzzjonali ġie xolt fl-1945. Meta l-Partit reġa' twaqqaf fl-1950, Miss Strickland laħqet Vice Chairman u ġiet eletta fl-Assemblea Legislattiva fl-1950 u fl-1951. Ma ġietx eletta fl-1953. Wara, hija waqqfet il-Partit Kostituzzjonli Progressiv, izda ma ġietx eletta qabel 1962. Miss Strickland ikkontestat l-aħħar elezzjoni fl-1966. Matul dak iż-żmien ta' żvilupp kostituzzjonali mgħaggel, Miss Strickland mexxiet id-delegazzjoni tal-Partit tagħha f'Londra għal Matla Round Table Conference sal-1956, għat-taħdidiet Kostituzzjonali fl-1958 u għall-Konferenza għall-Indipendenza ta' Malta fl-1963.

Flimkien ma' Lord Strickland fl-1935, hija waqqfet l-Allied Newspapers Limited u hija kienet l-editur tat-Times of Malta sal-1950 u tas-Sunday Times of Malta sal-1956. Għall-aħħar snin, hija kienet ic-chairman, wara li hi kienet ukoll Direttur tal-gazzetti sa mill-1945.

Taħt it-tmexxija tagħha bħala editur, Allied Newspapers kellhom sehem importanti biex iżommu l-moral għoli matul dawk il-granet koroh tat-Tieni Gwerra Dinjija u hija ngħatat l-Order of the British Empire (OBE) fl-1944. Hija kienet War Correspondent fl-1945 mal-British Army of the Rhone u wara rrapurtat dwara in-Nurnburg Trials.

Miss Strickland kienet temmen bis-sħiħ fil-British Commonwealth, kienet membru għal għomorha tal-



**Mabel Strickland kienet editur tat-Times of Malta mill-1935-1950 u tas-Sunday Times mill-1935-1956**



Commonwealth Parliamentary Association u Hon. Corresponding Secretary (Malta) tar-Royal Commonwealth Society, kif ukoll membru tal-Kunsill tal-Commonwealth Press Union, li ppreżentawlha l-Astor Award.

Fil-11 ta' Awissu 1979 Miss Strickland waqqfet The Strickland Foundation li tinsab f'Villa Parisio, Lija. Mal-mewt tagħha Strickland Foundation saret il-benefiċjarju ta' sehem ewlieni fl-Allied Newspapers Ltd. Miss Strickland għexet ġo Villa Parisio (lemin) mill-1943 sa l-1988. Kien xieraq għalhekk li t-triq li tagħti għal-Villa Parisio ssemmiet Triq Mabel Strickland.



